MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2013

Numru. 290/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Joseph Spiteri**

Kaz Numru: 290/2012

Illum 24 ta’ Lulju 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Joseph Spiteri**, bin Francis u Mary neé Cassar, imwieled fit-22 ta’ Novembru 1963, residenti fil-fond Spiteri House, Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 50463(G), akkuzat talli f’Marzu 2012 u fil-gimghat u x-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti

maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, fil-fond 'Joe Garage', Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex:

1. ghamel zvilupp jew halla li jsir zvilupp minghajr permess ghall-izvilipp kif ikun isehh meta jsir l-izvilupp, jew jekk l-izvilupp isir b'permess ghall-izvilupp, naqas milli jhares jew naqas li jara li tigi mharsa xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha l-permess huwa suggett, u dan meta wettaq bdil fl-uzu tal-imsemmi 'Joe Garage', Triq il-Kbira, Sannat (Ghawdex) minn wiehed intiz ghal skop privat (ipparkeggjar ta' vetturi privati) ghal *vulcanizer* bi skop kummercjali, bi ksur tal-Artikolu 56(1)(a) tal-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 94(1)(a) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

Illi tibda billi ssir riferenza ghal dak li gie verbalizzat mid-difiza fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2012 fejn id-difiza argumentat li dawn il-proceduri kontra l-imputat ma kellhomx jigu ntavolati quddiem il-Qorti minhabba r-ragunijiet imsemmija fl-istess verbal. Issir riferenza wkoll ghal dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-23 ta' April 2013 fir-rigward ta' dak sollevat mid-difiza fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2012.

Illi l-Qorti tikkondividi ma' dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-23 ta' April 2013 fis-sens li l-Qorti ghandha tara jekk kienx hemm ksur tal-ligi penali fil-perjodu in kwistjoni u li l-proceduri pendenti quddiem il-Bord tal-MEPA ma kellhomx jimpingu fuq il-proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tghaddi biex taghti d-decizjoni taghha rigward l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Illi mill-provi prodotti, inkluz ir-ritratti esebiti minn Gordon Grech u Jonathan Attard, jirrizulta minghajr dubju li sar

bdil fl-uzu tal-*garage* ‘Joe Garage’ Triq il-Kbira, Sannat *stante* li minn *garage* intiz sabiex jigu parkeggjati vetturi privati, dan inbidel ghal *vulcanizer* bi skop kummercjali. B’hekk l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 56(1)(a) tal-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikolu 94(1)(a) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ elfejn Euro (€ 2,000).

Il-Qorti tordna lill-hati sabiex inehhi tal-kawzi tar-reat u li jreġġa’ lura kull ħaġa li tkun saret mingħajr permess fi żmien tliet (3) xhur millum u f’kaz li l-hati jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit jeħel multa ta’ sittin Euro (€ 60.00) għal kull ġurnata li n-nuqqas ikompli wara li jiskadi l-imsemmi żmien.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------